# L-ISKOLA

Aħna ngħaddu biċċa sewwa minn ħajjitna fuq il-bankijiet tal-iskola. Illum se nirrakkonta xi ħaġa fuq tifel li ma kienx tajjeb ħafna għall-iskola. Dan huwa San Ġużepp minn Kopertinu.

Missieru Feliċ kellu jbigħ id-dar u mar jgħix fi stalla, wara li kien silef flusu lil wieħed ħabib. Ġużeppi kien is-sitt wild tal-familja. Meta kiber Ġużeppi ġietu l-vokazzjoni għall-ħajja reliġjuża. Il-Franġiskani laqgħuh imma wara ftit bagħtuh id-dar, minħabba l-livell baxx ta' skola li kellu.



Mar f'kunvent fi Grottella u patri żammu hemm. Billejl kien jistudja u binhar kien jaħdem fil-kunvent. Fl-aħħar aċċettawh bħala membru tal-komunità.

Bata ħafna fl-istudji. Xħin kien jitkellem fuq Alla u l-fidi kien iħalli lil kulħadd mistagħġeb. Kien hemm teologu li darba staqsih kif kien jistudja u fl-istess ħin jgħix il-ħajja sempliċi ta' Franġiskan. Ġużeppi wieġbu: "Meta tistudja jew tikteb xi ħaġa għid u rrepeti dan il-kliem: *Mulej int l-Ispirtu u jien it-Tromba mingħajr in-nifs tiegħek xejn ma jirbomba*".

Fis-17 ta' Settembru, 1663, festa tal-Pjagi ta' San Franġisk, huwa tqarben, talab għall-Papa u għall-Knisja u mbagħad qal lill-preżenti b'ċajta: "Il-ħmar wasal fil-quċċata tal-muntanja".

Għeżież, qatt m'għandna naqtgħu qalbna.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

Il-ġabra tal-Art Imqaddsa li saret fit-30 ta' Jannar 2022 tammonta għal €1,799.41 maqsuma hekk:

| | |
|---|---|
| Knisja Parrokkjali | € 1,614.22 |
| Knisja tal-Qalb ta' Ġesù | € 64.19 |
| Kappella tas-Sorijiet Franġiskani | € 121.00 |

**LAQGĦA TA' SPIRITWALITÀ 'DUN MIKIEL ATTARD'**
Il-laqgħa ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Milied Attard li ssir kull tielet Erbgħa tax-xahar, se tinżamm nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar fis-5:45pm fil-Knisja Bażilika tan-Nadur. Għal din il-laqgħa ġie mistieden l-Arċ. Dun Ġwann Sultana (iż-Żebbuġ) flimkien maż-Żebbuġ Kids li se jippreżentaw play qasira fuq Dun Mikiel. Din il-laqgħa hija miftuħa għall-Għawdxin kollha.

**AVVIŻI:**

**LAQGĦA GĦALL-MEMBRI TAL-FRATELLANZI TAL-PARROĊĊA:** nhar l-Erbgħa 16 ta' Frar fis-7:00pm fis-Sala Parrokkjali (fi Triq Xandriku). Se titmexxa mill-Kan. Dun Reuben Micallef f'konnessjoni mal-Pjan Pastorali Djoċesan u temi oħra importanti. Inħeġġu l-membri kollha biex jattendu.

**LAQGĦA TAL-ISTILEL TAL-QALB TA' ĠESÙ:** għada t-Tnejn fil-kappella tas-Sorijiet. Fl-4:15pm Rużarju u fl-4:30pm Quddiesa minn Fr Joe Xerri.

**ĠABRA GĦALL-PAPA:** il-ġabra għall-karitajiet li jqassam il-Papa, l-obolo ta' San Pietru, se ssir fid-19 u l-20 ta' Frar.

**GĦOTI TAD-DEMM:** fil-Berġa tax-Xewkija, illum il-Ħadd 13 ta' Frar mit-8:00am sas-1:00pm.

**IL-KUMITAT TAN-NAR:** javża li l-ewwel ġabra għan-nar tal-festa se tkun mill-20 ta' Frar li ġej u tkompli fil-jiem ta' wara. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.

**IL-KUMITAT TAL-BANDA:** javża li minn nhar il-Ħadd 20 ta' Frar ser jerġa' jibda jkun hemm it-tombla ta' nhar ta' Ħadd fil-Każin tal-Banda. Tibda fis-7:00pm. Trasport provdut.

**KWIŻŻ:** l-Azzjoni Kattolika se torganizza kwiżż għat-tfal ta' Year 5, nhar it-30 t'April li ġej. Dawk li jixtiequ jieħdu sehem f'dan il-kwiżż jistgħu jagħtu isimhom fl-Uffiċċju Parrokkjali sal-aħħar ta' Frar. Imbagħad iktar 'il quddiem jagħtukom iktar informazzjoni dwar il-kwiżż.

**ALBUMS GĦALL-KARTOLINI 'MILL-PATRIMONJU NADURI':** dawk kollha li jixtiequ jakkwistaw album biex fih iżommu l-kollezzjoni tal-kartolini jistgħu jkellmu lill-Kan. Dun Reuben Micallef sal-20 ta' Frar. Kull album li hu ta' kulur maroon jesa' 200 kartolina u bħalissa qed jiġi offrut lilna bi prezz speċjali ta' €15.75 minflok dak ta' €19.95.

**ENGLISH CORNER**

"Blessed are you when people insult you, persecute you and falsely say all kinds of evil against you because of me. Rejoice and be glad, because great is your reward in heaven".
The 8 beatitudes are a guiding tool for our daily lives.

On February 10th we celebrated St Paul's shipwreck day. Let us remember how the people of Malta showed kindness and made fire to warm and feed the survivors on a cold and rainy day. Let us not forget to spread kindness, love and peace to each other.
Happy Valentine's Day!

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am